MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 166/2002/1

**Sallyann, mart Anthony Sacco**

**vs**

**Anthony Sacco**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta’ Frar 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fid-dsatax (19) ta’ Settembru 1992 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, u cjoe` Fabian, li twieled fit-28 ta’ Jannar 1996 u Nelly Ann li twieldet fit-28 ta’ Frar 2000;

Illi minhabba sevizzi, eccessi, theddi u ngurji gravi da parti tal-konvenut u minhabba nkompatibiblta` ta' karattru, l-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibbli;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet numru 1049/2001 moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (Dok. "A");

Illi l-attrici tixtieq ukoll li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xolta u likwidata u l-beni parafernali u dotali taghha jigu lilha restitwiti;

Illi l-konvenut huwa *self-employed* filwaqt li l-konvenuta ma tahdimx u m'ghandhiex ghalhekk, mezzi biex tmantni lilha nnifisha;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba t-tortijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tafda f'idejn l-attrici, l-kura u l-kustodja legali ta' uliedhom minuri Fabian u Nelly Ann;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment xieraq skond il-ligi ghaliha u ghal uliedhom minuri bil-modalita` ta' jum, hin u lok li jigu ukoll iffissati;

4. Tiddikjara li l-konvenut bhala li ddekada mid-drittijiet kontemplati fl-**artikoli 48 (1) (a), (b) u (d) tal-Kodici Civili;**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida u taqsamha f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bl-applikazzjoni ta' l-**artikoli 48 (1) (c) u 51 tal-Kodici Civili;**

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha u fin-nuqqas jigi

kkundannat ihallasha l-valur stabbilit ta' l-istess oggetti bin-nomina, *occorrendo* ta' periti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 195/02 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza *a tergo* ta' fol. 10 u fol. 11 tal-process, huwa baqa` ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 8 ta' Marzu 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut ihallas manteniment xieraq *pendente lite,* ghaliha u ghal uliedha;

Rat id-digriet tal-15 ta' April 2002 fejn il-Qorti ffissat manteniment ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fil-gimgha, pagabbli bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici u somma ohra sa massimu ta' mitejn lira Maltija (Lm200) fis-sena ghall-ilbies tal-minuri;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta datat 29 ta' Mejju 2002 fejn gie nominat Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 14 ta' Gunju 2002 fejn talbet (i) l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex issiefer mal-minuri bejn l-10 u l-25 ta' Awissu 2002; (ii) fin-nuqqas li l-konvenut jaghti l-kunsens tieghu ghal din is-safra u ghall-hrug ta' passaport f'isem il-minuri, tordna lill-Ufficjal inkarigat sabiex johrog passaport f'isem il-minuri fuq il-firma u kunsens tar-rikorrenti; u (iii) fin-nuqqas li l-intimat ma jirritornax lir-rikorrenti, l-passaport tal-minuri, Fabian, tordna l-kancellament ta' l-istess passaport u tordna li jinhariglu passaport gdid fuq il-firma u l-kunsens tar-rikorrenti biss;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 24 ta' Lulju 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tiddekreta r-rikors taghha ta' l-14 ta' Gunju 2002 *stante* li ma rnexxilhiex tinnotifika lill-intimat;

Rat id-digriet sussegwenti fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors bi zmien jumejn ghar-risposta, ukoll permezz tal-purtier;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju u x-xhieda migbura minnu;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2003;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 26 ta' Marzu 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess (a fol. 71) u rrizervat li tipprezenta nota ulterjuri dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2003;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 4 ta' Awissu 2003 (a fol. 119);

Rat il-verbali tat-23 ta' Ottubru 2003 fejn Dr. Albert Libreri ghall-attrici, pprezenta nota ta' osservazzjonijiet u talab in-nomina ta' Perit Tekniku sabiex jaghmel stima tal-fondi mmobbli msemmijin fin-nota tieghu; tat-8 ta' Jannar 2004; tat-18 ta' Frar 2003; tat-23 ta' Marzu 2004 fejn il-Perit Tekniku halef ir-rapport;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku pprezentat fit-8 ta' Jannar 2004;

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju 2004 fejn Dr. Albert Libreri, ghall-attrici pprezenta nota u inghata terminu ta' ghoxrin (20) jum lill-konvenut sabiex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet tieghu; il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Novembru 2004; tal-11 ta' Novembru 2004 fejn il-kawza giet differita ghat-18 ta' Novembru 2004 ghall-istess skop.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenut a fol. 183 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-unika provi li gew prodotti f’dan il-kaz kienu proprju dawk prodotti mill-attrici *stante* li l-konvenut baqa’ kontumaci, ghalkemmipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fl-ahhar tal-kawza.

Illi intant, mill-provi prodotti jirrizulta li tul iz-zmien kwazi kollu li l-attrici ghexet mal-konvenut, hija giet assogettata kompletament ghal dak li ried u kien jiddetta huwa tant li jidher mix-xhieda ta’ l-attrici li hija ma kellha xelta f’xejn, lanqas min joqghod f’darha, jekk tarax lill-genituri taghha, u jekk tahdimx bhala pulizija. Hi kellha taghmel dak li jghidlha zewgha u tahdem bhala *crane driver* meta u x’hin irid huwa.

Illi fil-fatt, mix-xhieda prodotta mill-attrici, jirrizulta li l-konvenut iddomina kompletament lil martu, u kien hati *verso* l-istess ta’ eccessi, theddid, sevizzi u ngurji gravi, u fost il-hafna ezempji ta’ dan hemm meta gab lil huh joqghod mieghu, gieghel lill-attrici tahdem fuq il-*cranes* u titlaq il-Korp tal-Pulizija fejn kienet tahdem, jghajjarha jekk ma tahdimx, jindahhal fejn jithalla t-tifel, tant li assolutament kien ghamel krucjata li ma riedx ihallih mal-genituri taghha, u generelment jiddetta kull parti tal-hajja ta’ l-attrici b’dan li jekk l-istess ma taghmilx dak li jghidilha huwa kien jinfexx jghajjar lilha u wkoll jeddidha li ser jahraq id-dar; dan apparti li hajja socjali ma’ l-istess attrici ma kienx hemm u ma kienx jitlef okkazjoni sabiex jipprova jaljena lil uliedha minnha. Dan wassal sabiex l-attrici ma tkunx tiflah izjed ghal dan it-trattament, li din il-Qorti thoss bhala umiljanti u dizuman *da parte* ta’ zewgha, u ghalhekk kienet kostretta li tabbanduna d-dar konjugali ghar-ragunijiet validi, u din il-Qorti thoss li ghal dan l-iskop u minhabba x-xhieda prodotta mill-attrici u mill-genituri

taghha, l-allegazzjonijet attrici dwar l-ewwel talba attrici gew ilkoll ipprovati u din il-firda personali grat minhabba l-agir tal-konvenut li ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-firda ta’ bejn il-partijiet. Dan apparti l-mod kif l-istess konvenut agixxa waqt din il-kawza fejn naqqas li jhallas manteniment ghall-minuri u wkoll ha l-oggetti kollha matrimonjali mid-dar ghal gjo post iehor – wera ruhhu propens ukoll li lanqas wara s-sentenza ma jhallas il-manteniment lill-istess ulied.

Illi dwar il-kura u kustodja ta’ l-ulied Fabian u Nelly Ann, dawn ghandhom jigu fdati f’idejn l-attrici bi dritt ta’ access favur il-konvenut kull nhar ta’ Erbgha bejn il-4.00.p.m. u 6.00.p.m. u darba kull nhar ta’ Sibt u darba kull nhar ta’ Hadd b’mod alternattiv (darba is-Sibt u darba l-Hadd) mid-9.00.a.m sal-11.30.a.m. b’dan li tali access ghandu jkun moniterjat mill-Agenzija Appogg li ghandha tara li dan l-access isehh b’mod dicenti u l-istess ulied jittiehdu u jingiebu mir-residenza ta’ l-omm mill-missier. Il-Qorti tordna li l-Agenzija Appogg li tassigura ruhha li dan l-access isehh, u ghalhekk din il-Qorti tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Agenzija Appogg minn kull parti, u tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati Superjuri sabiex jinnotifika kopja legali ta’ l-istess sentenza lic-*Chief Executive Officer* ta’ l-istess Agenzija.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti, hemm is-suggerimenti taz-zewg partijiet fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom, pero’ din il-Qorti tinnota li hemm biss stima ndipendenti ta’ l-assi ta’ l-istess komunjoni ghal dak li jirrigwarda l-immobbli; fil-fatt dwar il-mobbli l-attrici produciet biss kemm l-istess oggetti kienu qamu meta nxtraw, bla ma sar l-ebda aggustament tal-prezz rigwardanti l-likwidazzjoni u divizjoni odjerna.
Illi f’dan il-kuntest u fl-istat tal-provi kif inhuma, din il-Qorti ser timxi fuq il-valuri ndikati fil-process, izda din il-Qorti ser tapplika wkoll diprezzament ta’ l-istess oggetti fejn jidrilha li ghandu jkun il-kaz, u mill-bqija tghaddi ghall-likwidazzjoni u divizzjoni ta’ l-assi li jifformaw il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet *arbitro boni viri.* Il-konvenut minn naha tieghu baqa’ litteralment gallerija u ghalkemm ikkritika l-valuri, anke dawk stabbiliti mill-perit tekniku

mqabbad mill-Qorti, qatt ma offra l-ebda valur jew soluzzjoni plawsibbli.

Illi peress li jidher li l-istess konvenut ser ikompli bin-negozju tieghu ta' kuntrattur, u peress li zamm fil-pussess tieghu l-maggoranza tal-vetturi elenkati fil-paragrafu 2 (b) (c) (d) (e) (f) u (g) tan-nota ta' l-osservazzjonijiet attrici, datata 15 ta' Gunju 2004 l-istess vetturi kollha qed jigu assenjati lill-konvenut u dan konsistenti f'Van Isuzu NKR [mixtri bil-prezz ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000)]; Mechanical Horse – Leyland BBL – 838 (Lm7,000); Crane Allengrove – DBB – 708 (Lm5,000); Crane Coles Reg. No. DBF – 995 (Lm6,000); il-valur ta' Truck Bedford Reg. No ABF – 056 li gie mibjugh mill-konvenut fl-20 ta' Dicembru 2001 lil Sammy Borg stmat li jiswa hamest elef lira Maltija (Lm5,000); u l-valur ta' Truck ready Mix Fiat 300 – Reg. No. JAA – 545 li nbiegh fil-mori tal-procduri odjerni lil Paul Azzopardi stmat li jiswa sitt elef lira Maltija (Lm6,000). Illi dawn it-total ta' vetturi ghandhom *cost price* ta' hamsa u tletin elf lira Maltija (Lm35,000), li din il-Qorti qed tapplika diprezzament ta' l-istess ta' hmistax fil-mija (15%) fl-ammont ta' hamest elef, mitejn u hamsin lira Maltija (Lm5,250), u allura l-ammont ta' vetturi u valur ta' l-istess li gew assenjati lill-konvenut huwa s'issa ta' disgha u ghoxrin elf, seba` mija u hamsin lira Maltija (Lm29,750).

Illi minbarra dan qed jigu assenjati lill-konvenut l-ghodda kollha tal-konvenut bhala kuntrattur (Lm15,000) u l-ingenji tax-xoghol tal-konvenut bhala kuntrattur (Lm9,850), u l-kreditu dovut lill-konvenut minn Charles Mangion (LM13,300) (Dok. "P6" – xhieda datata 8 ta' Lulju 2003), kollha ndikati bhala oggetti fil-paragrafu 2 (j), 2 (k), u 2 (m) fin-nota attrici tal-valur rispettiv kif fuq indikat, liema oggetti jammontaw ghall-valur totali ta' tmienja u tletin elf, mija u hamsin lira Maltija (Lm38,150).

Illi meta tghodd dan l-ammont ma' dawk gja assenjati lill-konvenut, il-valur ta' dak s'issa assenjat lill-konvenut iwassal ghal seba` u sittin elf u disa` mitt lira Maltija (Lm67,900). Ma dawn ghandu jizdied il-valur ta' l-oggetti kollha mobiljari li kien hemm fid-dar matrimonjali li ttiehdu waqt il-mori tal-kawza kollha mill-konvenut (kif gie ppruvat

mill-attrici u lanqas kontradett mill-konvenut, anke fin-nota ta' l-osservazjonijiet tieghu – ara Dok. “P2”, Dok. “P2A”, Dok. “P3” u Dok. “P4”, u ndikati bhala *items* 2 (a) fin-nota ta' l-osservazzjonijiet attrici, tal-valur approssimattiv ta' sittax-il elf, erba` mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm16,443), u dan il-valur maghdud ma' dak li gja gie assenjat lill-konvenut, jtella' l-valur ta' l-oggetti assenjati lill-konvenut ghal dak ta' erba` u tmenin elf, tliet mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm84,343). Qed jigu assenjati wkoll lill-konvenut is-*surrender value* attwali tal-Polza Numru EPFTF 35799N tal-Middle Sea Valletta fl-ammont ta' elf, erba` mija u seba` u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm1,447.31) (xhieda ta' Vincent Ellul datata 6 ta' Marzu 2003) li jtella' l-valur tal-mobbli assenjati lill-konvenut fl-ammont ta' hamsa u tmenin elf, seba` mija u disghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm85,790.31).

Illi dwar id-dejn jidher li l-partijiet jaqblu dwar il-maggoranza ta' l-istess hlief ghal dak li gie l\ndikat bhala dejn ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) favur missier l-attrici - u ghalhekk id-dejn li l-partijiet jaqblu dwaru, huwa dak ta' tmienja u tletin elf, mitejn u hmistax-il lira u tlieta u sittin centezmu (Lm38,215.63).

Illi jirrizulta mill-provi, li l-konvenut naqas li jhallas il-manteniment ghall-minuri degretat mill-Qorti tas-Sekond'Awla datat 19 ta' Lulju 2001 – Digriet Numru 1049/2001 u kkonfermat b'digriet ta' din il-Qorti datat 15 ta' April 2002, u fil-fatt sa Gunju 2004 huwa hallas biss l-ammont ta' erba` mija u hamsin lira Maltija (Lm450) u skond il-kunteggi maghmula mill-attrici fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha pprezentata fil-15 ta' Gunju 2004, l-istess konvenut naqas li jhallas sa dik id-data, l-ammont ta' sebat elef, sitt mija u hamsin lira Maltija (LM7,650) [(Lm8,100 – Lm450 = LM7,650]. Minn dakinhar sad-data ta' din is-sentenza ghaddew erbgha u ghoxrin (24) gimgha ohra u dan iwassal ghall-ammont ulterjuri ta' elf u mitejn lira Maltija [Lm1,200 (Lm50 ghal 24 gimgha) minbarra s-somma assenjata ghall-ilbies tal-minuri ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180), li allura jwasslu ghas-somma totali ta' disat elef, u tletin lira Maltija (Lm9,030) li l-istess konvenut

naqas li jhallas lill-attrici bhala manteniment ghal uliedu fil-mori tal-kawza, u dan minkejja d-digrieti ta' din il-Qorti.

Illi jidher car li anke bil-mod kif l-istess konvenut agixxa waqt il-mori tal-kawza u wkoll bil-mod kif irrisponda fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, ser ikun hemm diffikulta' sabiex l-istess konvenut ihallas il-manteniment tal-minuri kif degretat *pendente lite* u kif qed jigi kkonfermat b'din is-sentenza, anke peress li l-attrici jidher li accettat l-istess ammont u ghalhekk din il-Qorti tikkapitalizza s-somma dovuta bhala manteniment ghall-minuri, Fabian ikkalkulata mit-18 ta' Novembru 2004 sas-26 ta' Jannar 2014 (9 snin u nofs meta jaghlaq (18) tmintax-il sena – peress li huwa twieled fis-26 ta' Jannar 1996, ghall-ammont ta' hdax-il elf, seba` mija u hamsin lira Maltija (Lm11,750); u dik ta' Nellie Anne li twieldet fit-28 ta' Frar 2000 u allura l-manteniment dovut huwa dak ghall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Novembru 2004 sat-28 ta' Frar 2018, fl-ammont ta' sbatax-il elf, mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm17,158), li maghhom ghandha tizdied is-somma ta' elfejn u tliet mitt lira Maltija (Lm2,120) ghal *allowance* ta' mitejn lira Maltija (Lm200) *circa* ghall-ilbies ta' l-istess tfal skond l-istess digriet li jwasslu ghall-ammont komplessiv ta' wiehed u tletin elfm u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm31,028). Maghdud dan l-ammont ta' l-manteniment *pendente lite* dovut mill-konvenut fl-ammont ta' disat elef u tletin (Lm9,030) dan iwassal ghall-ammont ta' erbghin elf, u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm40,058).

Illi ghalhekk *in vista* ta' dan kollu, din il-Qorti *arbitro boni viri*
qed tassenja wkoll lill-konvenut (a) porzjoni fabbrikabbli ta' circa mija u erbghin (140) metru kwadru fi Triq Gdida bla isem, kantuniera ma' triq ohra bla isem, li jaghtu ghal fus St. Mary Street, Zurrieq, indikata fil-pjanta Dok. "P1" annessa man-nota ta' l-osservazjonijiet ta' l-attrici datata 15 ta' Gunju 2004, valutat mill-Perit Tekniku Valerio Schembri, fl-ammont ta' hamsa u sebghin elf lira Maltija (Lm75,000); u (b) l-*basement store*, bla numru fi Triq Villambrosa l-Hamrun – fond 5 fir-rapport peritali valutat hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000); flimkien mal-vetturi kollha fuq indikati, l-ghodda u l-ghamara, u l-polza fuq

indikata li jtellghu l-valur ta' l-istess mobbli ghal hamsa u tmenin elf, seba` mija u disghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm85,790.31). Dan maghdud mal-valur ta' immobbli hekk assenjati lill-konvenut iwasslu ghal mija u hamsa u sebghin elf, seba` mija u disghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu [LM175,790.31 (Lm90,000 + LM85,790.31 = Lm175,790.31)].

Illi minn naha l-ohra l-attrici qed tigi assenjata d-dar matrimonjali Country Cottage, 2, Triq ic-Cili, Naxxar tal-valur stmat ta' mitt elf lira Maltija (Lm100,000); ir-razzett bil-bitha mieghu St. Joseph Farm, Zebbug Road, Rabat, Malta valutat fl-ammont ta' hamsa u hamsin elf lira Maltija (Lm55,000); u d-dar 253/255 Rue D'Argens Gzura valutata fl-ammont ta' mitt elf lira Maltija (Lm100,000), kollox ghall-valur ta' mitejn u hamsa u hamsin elf lira Maltija (Lm255,000) flimkien mal-valur ta' l-oggetti ndikati fil-paragrafu 2 (h) u 2 (i) fl-istess nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attrici fl-ammont ta' tliet elf u hames mitt lira Maltija (Lm3,500) b'dan pero' li l-istess attrici ghandha thallas u tassumi d-dejn kollu ndikat minnha u li dwaru qablu l-partijiet fl-ammont tmienja u tletin elf, mitejn u hmistax-il lira u tlieta u sittin centezmu (Lm38,215.63); *in vista* ta' din l-assenjazzjoni ghandu jigi pacut il-manteniment *pendente lite* dovut mill-konvenut ghall-minuri kif fuq kalkolat, flimkien mal-manteniment ghall-istess minuri fuq kapitallizat, li globalment jammontaw ghal erbghin elf, u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm40,058), u b'hekk l-istess attrici tkun irceviet l-ammont ta' mija u tmenin elf, mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija u seba` u tletin centezmu (Lm180,226.37), b'dan li l-istess attrici ma jkollha lanqas ebda dritt ta' manteniment favur taghha *stante* anke r-rinunzja taghha ghall-istess dritt u kull dejn li tghid li ghandha ma' missierha, li din il-Qorti thoss li ma giex ippruvat, ghandu jekk hija thoss, jithallas minnha.

Illi Flat Numru 2, Essex Flats, Triq Monsinjur Depiro Street, Hamrun valutat fl-ammont ta' tletin elf lira Maltija (Lm30,000) ghandu jinbiegh in subbasta u r-rikavat tieghu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u filwaqt li **tichad is-sitt talba attrici tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba t-tortijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-konvenut, konsistenti f’sevizzi, eccessi, theddid u ingurji gravi fil-konfront ta’ l-attrici, u kawza ta’ l-istess agir *da parte* tal-konvenut, iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment.

2. Tafda f’idejn l-attrici, l-kura u l-kustodja legali ta’ uliedhom minuri Fabian u Nelly Ann, b’dan li l-istess konvenut ghandu jkollu dritt ta’ access ghall-istess minuri kull nhar ta’ Erbgha bejn l-4.00.p.m. u 6.00.p.m. u darba kull nhar ta’ Sibt u darba kull nhar ta’ Hadd b’mod alternattiv (darba is-Sibt u darba l-Hadd) mid-9.00.a.m sal-11.30.a.m. b’dan li tali access ghandu jkun moniterjat mill-Agenzija Appogg li ghandha tara li dan l-access isehh b’mod dicenti u l-istess ulied jittiehdu u jingiebu mir-residenza ta’ l-omm mill-missier. Il-Qorti tordna li l-Agenzija Appogg li tassigura ruhha li dan l-access isehh, u ghalhekk din il-Qorti tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Agenzija Appogg minn kull parti, u tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati Superjuri sabiex jinnotifika kopja legali ta’ l-istess sentenza lic-*Chief Executive Officer* ta’ l-istess Agenzija.

3. Illi dwar l-manteniment ta’ l-attrici jirrizulta mill-atti processwali li l-istess attrici rrinunzjat ghall-istess u filwaqt li dwar il-manteniment tal-minuri tirreferi ghal dak deciz f’din is-sentenza, fejn l-konvenut instab li ma hallasx, kwazi ghal kollox il-manteniment *pendente lite* li gie kwantifikat f’din is-sentenza aktar ‘il fuq u wkoll saru provvedimenti dwaru f’din is-sentenza, u ghall-futur, l-istess ammont ta’ manteniment ghall-minuri gie kapitalizzat u saru provvedimenti dwaru a bazi tal-hames talba tac-citazzjoni attrici, u li ghalhekk din il-Qorti tirreferi ghalihom.

4. Tilqa' din it-talba u tiddikjara li l-konvenut bhala li ddekada mid-drittijiet kontemplati fl-**artikoli 48 (1) (a), (b) u (d) tal-Kodici Civili.**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tillikwidaha u taqsamha bil-mod segwenti:-

(a) Illi l-konvenut qed jigi assenjat l-vetturi u konsistenti f'Van Isuzu NKR – AAI – 636; Mechanical Horse – Leyland BBL – 838; Crane Allengrove – DBB – 708; Crane Coles Reg. No. DBF - 995; il-valur ta' Truck Bedford Reg. No ABF – 056 li gie mibjugh mill-konvenut fl-20 ta' Dicembru 2001 lil Sammy Borg stmat li jiswa Lm5,000; u l-valur ta' Truck ready Mix Fiat 300 – Reg. No. JAA – 545 li nbiegh fil-mori tal-proceduri odjerni lil Paul Azzopardi stmat li jiswa Lm6,000; l-ghodda kollha tal-konvenut bhala kuntrattur; l-ingenji tax-xoghol tal-konvenut bhala kuntrattur u l-kreditu li dovut lill-konvenut minn Charles Mangion (Lm13,300); l-oggetti kollha ta' l-ghamara li huwa ha mid-dar konjugali u l-polza ta' l-assikurazzjoni numru EPFTF 35799N kollha ndikati bhala oggetti fil-paragrafu 2 (b) (c) (d) (e) (f) (g) (j), 2 (k), 2 (m), 2 (a), u 2 (l) fin-nota attrici datata 15 ta' Gunju 2004 u porzjoni fabbrikabbli ta' *circa* mija u erbghin lira Maltija (140) metru kwadru fi Triq Gdida bla isem, kantuniera ma' triq ohra bla isem li jaghtu ghal fus St. Mary Street, Zurrieq, indikata fil-pjanta Dok. "P1" annessa man-nota ta' osservazjonijiet ta' l-attrici datata 15 ta' Gunju 2004, valutat mill-Perit Tekniku Valerio Schembri fl-ammont ta' hamsa u sebghin elf lira Maltija (Lm75,000); u l-*basement store*, bla numru fi Triq Villambrosa l-Hamrun – fond 5 fir-rapport peritali valutat hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) u dan flimkien man-nofs ir-rikavat mill-bejgh in subbasta ta' Flat Numru 2, Essex Flats, Triq Monsinjur Depiro Street, Hamrun.

(b) Illi minn naha l-ohra l-attrici qed tigi assenjata d-dar matrimonjali Country Cottage, 2, Triq ic-Cili, Naxxar; ir-razzett bil-bitha mieghu St. Joseph Farm, Zebbug Road, Rabat, Malta; u d-dar 253/255 Rue D'Argens, Gzira valutata fl-ammont ta' mitt elf lira Maltija (Lm100,000),

flimkien mal-valur ta’ l-oggetti indikati fil-paragrafu 2 (h) u 2 (i) fl-istess nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attrici fl-ammont ta’ tliet elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500) b’dan pero’ li l-istess attrici ghandha thallas u tassumi d-dejn kollu ndikat minnha u li dwaru qablu l-partijiet fl-ammont tmienja u tletin elf, mitejn u hmistax-il lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm38,215.63), tali dejn indikat bl-ittra B minn 1 sa 12 u in-numru 14 fl-istess nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-attrici a fol. 178 u 179 tal-process u wkoll b’dan li *in vista* ta’ din l-assenjazzjoni qed jigi pacut il-manteniment *pendente lite* dovut mill-konvenut ghall-minuri, kif fuq kalkolat skond id-digrieti *pendente lite* vigenti, flimkien mal-manteniment ghall-istess minuri fuq kapitalizzat li globalment jammontaw ghal erbghin elf u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm40,058), u dan ukoll *per saldo* ghal kull dritt ta’ l-attrici ghal-manteniment taghha *stante* anke r-rinunzja taghha ghall-istess dritt u kull dejn li tghid li ghandha ma’ missierha (li din il-Qorti thoss li ma giex ippruvat, ghandu jekk hija thoss jithallas minnha). Illi l-istess attrici ghandha tiehu wkoll nofs ir-rikavat tal-bejgh in subbasta tal-Flat Numru 2, Essex Flats, Triq Monsinjur Depiro, Hamrun.

Illi Flat Numru 2, Essex Flats, Triq Monsinjur Depiro, Hamrun valutat fl-ammont ta’ Lm30,000 ghandu jinbiegh in subbasta u r-rikavat tieghu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

6. Tichad din it-talba *stante* nuqqas tal provi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 195/02 kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------